Kunsill Lokali |ebbu[ - G]awdex
Triq il-Knisja, |ebbu[
Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322
E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

## BDEJNA X–XOGĦOL FIL-BERĠA

Minn din il-ġimgħa bdejna x-xogħol biex nirranġaw il-berġa tar-raħal tagħna taż-Żebbuġ. Wara li ġiet irranġata l-Għassa tal-Pulizija u ġiet sabiħa ħafna, inħossu l-bżonn li l-berġa tagħna għandha tkun waħda ta' livell li jixraq għaż-zmienijiet ta' llum. Ser nagħtuha manutenzjoni tajba għax dan huwa servizz bżonnjuż għar-residenti tagħna. Meta jkun għaddej ix-xogħol temporanjament is-servizz ser jingħata miċ-Ċentru Parrokkjali, grazzi tal-koperazzjoni mill-W.R. Arċ. Kan Reuben Micallef tal-parroċċa tagħna kif ukoll ta' Frenc Saliba li barra li ser jagħmel ix-xogħol ser jikkordina s-servizz tal-Berġa miċ-ċentru. Grazzi wkoll lis-Segretarjat Parlamentari nkarigat mill-Kunsilli Lokali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li qiegħed joffri l-ħaddiema biex isir dan ix-xoghol. Filwaqt li niskużaw ruħna għal kull inkonvenjent li jista' jinqala' nitolbu l-koperazzjoni ta' kulħadd fit-twettieq ta' dan il-proġett.

## IT-TOROQ TA' MARSALFORN

Kif ħabbarnilkom fl-avviżi ta' qabel u kif kulħadd jaf bħalissa għaddejjin bi proġett ta' kisi ta' tliet toroq bil-*hot asphalt* ġewwa Marsalforn. Iltqajna ma' ħafna problemi u waħda waħda qiegħdin nissuperaw kull problema li qiegħdin insibu quddiemna. Xtaqna li kieku dawn ix-xogħlijiet huma diġa lesti, iżda huwa importanti ħafna li nagħmlu xogħol tajjeb u ta' kwalita' milli jkollna xogħol ta' suq u ġerri. Qiegħdin naraw li ma ndumux ma jkunu lesti mill-ewwel kisja u dan ikun ifisser li wara li nkunu ċerti li s-servizzi jaħdmu u jiffunzjonaw tajjeb, xi ħaġa li għamilna mill-ġdid kemm tal-ilma kif ukoll tad-drenaġġ, inkunu nistgħu nagħtu l-aħħar kisja tarmak. Ta' min ifakkar li dawn it-toroq kien possibbli li niksuhom wara li ngħatajna fondi speċjali mill-iskema ta' proġetti speċjali fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Meta nlestu dawn it-toroq diġa qiegħdin naħsbu biex niksu l-kumplament tat-toroq li għad għandna ma humiex miksija. Inżommukom infurmati bl-andament ta' dawn il-proġetti aktar il-quddiem.

## ĠNIEN IT- TLIET GĦOLJIET F' MARSALFORN

Bħalissa l-Ministeru għal Għawdex indaħal għal proġett biex nibnu ġnien it-Tliet Għoljiet fuq il-*parking* ta' Marsalforn. Wara li ġie varat il-proġett mill-Onor. Giovanna Debono Ministru għal Għawdex flimkien mas-Sur Johnny Magro ta' Magro Brothers Group Of Companies li qiegħed jipprovdi ammont kbir ta' siġar, għaddejjin b' laqgħat kontinwi u preparazzjonijiet għat-twettieq ta' dan il-proġett. Sar ħafna studju u wasalna biex nibdew noħorġu l-ewwel sejħa għall-offerti ta' dan il-proġett. Diġa ġiet approvata sistema ta' *frame work* għal dan il-proġett li meta jkun lest probabbilment sa sena oħra bħal dan iż-żmien, inkunu sebbaħna parti oħra fil-lokalita' tagħna. Barra minhekk qiegħdin nagħtu u nagħmlu l-parti tagħna għall-proġett ECO GĦAWDEX. Ta' min isemmi li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali ġie approvat il-parti li ser jerfa' l-Kunsill għal dan il-proġett. Filwaqt li l-

perit ta' dan il-proġett huwa l-Perit tal-Kunsill, ix-xogħol ta' dan il-proġett ser ikun taħt is-supervizjoni tal-Kunsill Lokali.

## FONDI SPEĊJALI GĦAL PROĠETTI SPEĊJALI

Kif kien imħabbar fl-aħħar *budget* tal-Gvern Ċentrali qiegħdin joħorġu minn żmien għal ieħor skemi għall-proġetti speċjali minn dawn il-fondi speċjali. Il-Kunsill Lokali tagħna qiegħed attent għal kull skema li toħroġ biex fejn ikun opportun li napplikaw u nibbenefikaw dan nagħmluh sewwa u fil-ħin. Kif konna kapaċi nġibu fondi speċjali u għamilna proġetti speċjali, hekk ukoll minn dawn l-applikazzjonijiet inkunu f' pożizzjoni li nkomplu nsebbħu l-lokalita' tagħna. Il-quddiem inkunu nistgħu nkomplu naġġornawkom bl-andament ta' dak li nkunu qiegħdin napplikaw u nakkwistaw b' risq il-lokalita' taghna. Fost il-benefiċċji li akkwistajna minn dawn l-iskemi ta' min isemmi l-Festi Pawlini li għamilna x-xahar li għadda ġewwa MARSALFORN u qiegħdin nippreparaw għal avveniment ieħor li ntrabat mal-lokalita' tagħna 'ILWIEN IR-REBBIEGĦA'. Irridu nibnu fuq is-suċċess li għamilna s-sena l-oħra u tajjeb ngħidu li kellna min ried joħdilna anke l-isem ta' dan l-avveniment. 'ILWIEN IR-REBBIEGĦA' huwa spettaklu fil-kalendarju tagħna u minn dawn l-avviżi nappellaw liċ-ċittadini tagħna biex nagħmlu suċċess billi kulħadd jagħti s-sehem tiegħu.

## L-ATTI VANDALI U KRIMINALI GĦADHOM MAGĦNA

Dan l-aħħar il-faċċata tal-Kunsill Lokali tagħna sfat il-mira għal atti vandali fejn xi ħadd għoġbu jitfa' żebgħa jew *spray* mal-bini tal-Kunsill. Dawn l-atti vandali u kriminali issa ilna għaddejjin bihom fuq proġetti li qiegħdin nagħmlu. Min qiegħed iwettaq dawn l-atti vandali ma jafx mod ieħor għax kollha huma tal-istess forma u għamla. Itfa lis-*spray* u kisser. Daqqa xi rħama ta' xi proġett, daqqa kisser jew israq xi siġra jew siġar speċjalment taż-żebbuġ, xi kultant insibu tabelli bis-sinjali tat-traffiku neqsin u biex inkunu għidna kollox kultant nisfogaw ir-rabja billi ninfexxu mal-propjreta' jew xi delizzju tas-Sindku jew xi membru tal-Kunsill. Minn dawn l-avviżi ngħidu lil min qiegħed iwettaq dawn l-atti vandali li d-determinazzjoni tagħna li naħdmu aktar għal lokalita' tagħna aktar tissaħħah. Ma' kull att vandalu li jsir irridu nirringrazzjaw lil kumplament taċ-ċittadini Żebbuġin u residenti kif ukoll ħbieb tagħna għas-solidarjeta' li nirċievu. Il-qawl Malti jgħid li **"IL-ĠARRA ĠEJJA U SEJRA FL-AĦĦAR TINKISER!"** u ħjiel ta' min qiegħed iwettaq dan kollu għandna...........

## IL-LAQGĦA TAL-LOKALITA'

Skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali għandna obbligu li darba f' sena norganizzaw l-laqgħa tal-lokalita' fejn nagħtu l-opportunita' lir-residenti tagħna li jiġu u jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom. Għal din is-sena din il-laqgħa ser tinżamm nhar l-Erbgħa 3 ta' Marzu 2010. Din ser tinżamm fil-Bini tal-Kunsill u ser tibda fis-6.30 pm. Inħeġġu lir-residenti tagħna taż-Żebbuġ, Marsalforn, Qbajjar u Xwejni biex jiġu jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom. Kullħadd jista' u għandu l-obbligu li jagħmel is-suġġerimenti tiegħu. Din hija okkażjoni oħra fejn nistgħu nipparteċipaw u nissuġġerixxu dak li nixtiequ jitwettaq fil-lokalita' tagħna.

**Carmelo Saliba Sindku – Joe Bajada Viċi Sindku**
**Harry Debono, Joseph Camilleri, Victor Refalo Kunsilliera**

**Il-Ħamis, 18 ta' Frar 2010** **Nru. 03/2010**